MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Rikors Numru. 360/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (28/01/1984), Kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied; SB li illum ghandha tmienja u ghoxrin (28) sena u MBli illum ghandu erbgha u ghoxrin (24) sena;
2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Robert Muscat datat erbgha u ghoxrin ta' Marzu tal-elfejn u sitta 24/03/2006 li gie awtorizzat mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri. Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B;
3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba' snin legalment separati, illum ghandhom hajja totalment sepatata minn xulxin;
4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment u fil-fatt m'hemm l-ebda manteniment li jithallas bejn il-partijiet;
5. Illi ghaldaqstant l-esponenti tissodisfa ir-rekwiziti kollha stabiliti mill-ligi biex jinghataw d-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Settembru, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mil-24 ta’ Marzu 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------